*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 37*

***5.30p.m 21 t' Ottubru 2021***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *37.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

37.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbu li jiġu skużati mill-laqgħa.

## *37.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

37.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 36. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

37.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bi pjaċir il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-Day Care Centre għall-anzjani ġiet aċċettata mill-bord t'evalwazzjoni tal-fondi tan-Norweġja għall-ammont totali ta' €69,143, li huwa l-massimu ta' 85% tal-ispejjeż kollha ta' €81,345. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, kien hemm emfasi li l-post identifikat isirlu health and safety report peress li ser ikun hemm ammont ta' persuni li ser ikunu qegħdin jużaw is-serviżż tal-Kunsill b'mod regolari.

37.2.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li r-Reġjun Xlokk qal li għal din is-sena ser jagħti €1,200 sabiex jintuzaw għall-armar tal-Milied. Is-sena l-oħra l-għaqdiet tal-lokal ibbenefikaw €500 kull wieħed sabiex jarmaw il-Christmas tree, iżda is-Sindku jixtieq iżid dan l-ammont bi €800 għal total ta' €2,000 biex iż-żewġ għaqdiet tal-lokal jingħataw €500 addizjonali sabiex flimkien mall-Christmas tree jagħmlu ukoll presepju. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab lghal mozzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur din iż-żieda fil-fondi għall-għaqdiet kien wieħed unanimu.

37.2.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar xhur il-Kunsill ma kienx qed jaħdem bil-kuntrattur tal-bankini peress li dan għamel żmien l-isptar u għaldaqstant il-Kunsill kien qed jaħdem b'kuntrattur temporanju li matul dawn l-aħħar ġimgħat beda' xogħolijiet ta' tenders fl-lokalitajiet oħra.

37.2.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li t-tender tat-tiżjin tal-Milied ser ikun qed jagħlaq għada l-Gimgħa 22 t'Ottubru u peress li ma jistgħax jistenna li jkun approvat sa laqgħa oħra minħabba l-preparamenti li hemm bżonn għalih, jista' jkun hemm il-bżonn li ssir laqgħa urġenti online. Madankollu, jekk ikun hemm kuntrattur wieħed is-Segretarju Eżekkutiv jgħaddi email fejn tgħaddu l-approvazzjoni tagħkom biex il-Kunsill ikun jista' jmexxi u wara din it-tema tkun imniżżla fil-laqgħa li jmiss.

## *37.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

37.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri spjega li s-sitwazzjoni tas-sigurta' speċjalment fin-naħa t'isfel tal-lokalita' hija waħda inkwetanti, anke minħabba l-fatt li hemm diversi ħwienet li qed jiftħu mingħajr m'huma qed jimxu mall-liġi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jaqbel perfettament mall-Viċi Sindku hekk kif is-sitwazzjoni hija verament allarmanti meta nies li qed jimxu fit-toroq qed jiġu offruti d-drogi, kif ukoll jinħaslu u jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom barra. Huwa saħaq ukoll li diversi persuni lmentaw li jixtiequ jagħmlu laqgħa mall-Ispettur u s-Supratendent. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel li bla dewmien tittieħed data u ħin biex ikun hemm din il-laqgħa mall-pulizija.

37.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-familjari tas-Superjur George Grima tkellmu miegħu sabiex jagħmlu monument għall-Fundatur tal-Fergħa Ewkaristika, li kien l-uniku fundatur Marsi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta u nistgħu ninfurmawhom biex iġibu d-disinn magħhom biex dan isir.

37.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li s-Sinjura Jennifer Cardona mexxiet il-Fun Run ta' 5 kilometri madwar il-lokalita' tal-Marsa mis-7 ta' Novembru għall-5 ta' Diċembru. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal meta jkollna r-rotta l-ġdida nistgħu mmexxu fuqha.

37.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq f'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali tniedi clean up fejn l-underpass ta' Triq Diċembru Tlettax fejn hemm fdalijiet antiki ta' żmien ir-Rumani. Apparti hekk il-Kunsillier issuġġerixxa li li l-post jista' jingħalaq u jsir kantazz min naħa tal-Kunsill sabiex jitnaqqsu l-abbuzi fil-post. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta u qal li meta jkollna data din tkun tista' tiġi rreklamata fuq il-paġna tal-Kunsill. Apparti hekk huwa qal li lest jgħid il-Cleansing Department biex jgħatu daqqa t'id.

37.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li talab lill-Pageant Group sabiex jipprovdu l-kostumi biex fuq il-pont jiġi armat presepju life size. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li filwaqt li jaqbel li jiġi armat presepju life size, madankollu, ma jaqbilx li dan għandhu jiġi armat fuq il-pont minħabba raġunijiet ta' siġurta' jew serq. Jekk ikun armat fil-bini tal-Kunsill ikun ferm aħjar.

37.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab dwar il-possibilita' li l-binja l-antika tas-Sea Malta li llum hija f'idejn l-Enemalta ssir eventwalment tal-Kunsill permezz tal-proċess ta' devoluzzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma din il-proposta u dan il-proċess għandhu jibda minnufih.

## *37.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

37.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 10/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *37.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

37.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li resident qed jitlob f'isem ir-residenti li joqgħodu fi Triq iol-Bajjada biex issir camera fit-triq tagħhom minħabba li fl-akwata qed isir ħafna serq mill-karozzi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li wara li titweħħel din il-camera huwa importanti li tibda titħaddem is-sistema ta' neighbourhood watch fil-post. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina qed tistaqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat li jirreklama fuq il-kalendarju tas-sena 2022. Din id-darba il-kalendarju ser ikun kollu ritratti tal-Lokal mill-album li kien għamel il-Kunsillier is-Sur Francis Debono. Il-ħlas għall-imsemmi riklam huwa ta' €250. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sinjura Nathalie Portelli tal-Wise Owl Publications qed titlob lill-Kunsill fejn jista' jsir bejgħ ta' kotba bejn il-11-14 ta' Novembru bejn 10.00 a.m – 7.00p.m. Bħala ringrazzjament lesti li joffru ħlas jew donazzjoni ta' kotba. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

37.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat tal-Marsa Trinity Football AFC qed jistaqsi jekk il-Kunsill interessat jirreklama fuq il-kalendarju tas-sena 2022. Il-ħlas tar-reklam huwa ta' €200. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li persuna nfurmat il-Kunsill li waqgħet f'bankina f'Marsa Road minħabba ħsara li hemm fiha. B'hekk hemm ħtieġa urġenti li parti mill-bankina ta' Marsa Road trid tinbidel min ħdejn Rob's Bar sall-pont. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

37.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li wara l-laqgħa prċedenti l-perit tal-Kunsill mar fi Triq Isouard sabiex juri fejn r-road humps jistgħu jitweħħlu. Huwa ressaq ritratti mall-mejda tal-kamra. Kien hemm diskussjoni u ġie miftiehem li filwaqt li l-postijiet huma tajbin ikun ferm apprezzat jekk qabel xejn jiġu nfurmati r-residenti.

## *37.7 Update – Attivita' tal-Milied għall-Anzjani*

37.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar gimgħat il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet sabiex issir fiha din l-attivita' tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-orħos kwotazzjoni kienet tal-Forn tal-Għawdxi bil-prezz ta' €18 kull persuna, warajħ hemm il-Cortile bil-prezz ta' €21 u finalment The Limestone Heritage bil-prezz ta' €25, u dwar l-aħħar zewġ kwotazzjonijiet dan mhux qed jinkludi l-kirja tas-sala, filwaqt li għall-ewwel kwotazzjoni dan mhux

qed jinkludi s-soft drinks għax kieku l-prezz jiżdied għall-€20 kull persuna u b'hekk xorta tibqa l-orħos offerta minkejja li d-differenza hija t'ewro r-ras. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li qabel ma ssir deċiżjoni fuq dawn l-offerti, peress li kollha huma għoljin, l-Kunsill jara jekk tistgħax jagħmel l-attivita' taħt it-tinda u l-prezz ikun biss fuq l-ikel. Jekk mhux possibli li tinstab soluzjoni oħra l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta min dawn. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.8 Attivita' tal-Milied fuq barra*

37.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jagħti d-dettalji tal-attivitajiet tal-Milied fuq barra. Il-Kunsillier spjega li huwa qed jissuġġerixxi li jsir programm fuq medda ta' ġimgħa mid-19 sall-24 ta' Diċembru. Fid-19 ta' Diċembru ser ikun hemm Wirja ta' Presepji fil-bini tal-Kunsill Lokali kif ukoll kunċert min kantanti Marsin, filwaqt li l-għada ser ikun hemm il-grupp X Tend. Fil-21 ta' Diċembru ser jingħaqdu numru ta' skejjel ta' sfin għall-attivita' tal-Milied fil-Kunsill, filwaqt li fit-22 ta' Diċembru ser ikun hemm il-Vintage Bus li ser idur mat-toroq tal-lokal għall-ħames sigħat sħaħ. Fit-23 ta' Diċembru ser ikun hemm programm ta' Benny u Tonia filwaqt li fl-24 ta' Diċembru ser ikun hemm l-islitta tal-Milied. Finalment fil-25 ta' Diċembru, Jum il-Milied il-Kunsill jista' jġib it-terramaxka. Il-prezz ta' dawn l-attivitajiet kollha f'daqqa fuq medda ta' ġimgħa ser ikunu għall-prezz sħiħ ta' €7,000. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsill qabel li jsiru dawn l-attivitajiet bil-prezzijiet imsemmija. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.9 Wirja tal-Milied*

. 37.9.1 Din it-tema ġiet diskussa fit-tema preċedenti.

## *37.10 Kwotazzjoni fuq l-Insurance tal-Vann u dettalji relatati oħra*

37.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv s-Sur Edward Spiteri Audibert jagħti d-dettalji tal-kwotazzjonijiet sabiex il-vann li ser jinxtara mill-Kunsill ikun kopert min polza t'assikurazzjoni. Il-Segretarju spjega li l-kumpanija Mapfre Middlesea Insurance kienet l-orħos għall-prezz ta' €2,480.61, warajh kien hemm GasanMamo Insurance għall-prezz ta' €2,905.18 u l-għola prezz kien ta' Laferla Insurance għall-prezz ta' €3,135.05. Is-Sindku spjega li l-Kunsill huwa obbligat jagħżel l-aktar offerta vantaġġuża jekk kemm-il darba ikunu tal-istess kwalita'. B'hekk ġiet magħżula l-offerta tal-Mapfre Middlesea Insurance għall-prezz ta' €2,230.20. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.11 Riżultati Finanzjarji għat-tieni kwart tas-Sena Finanzjarja 2021*

37.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għat-tieni kwart tas-sena finanzjarja ta' din is-sena. Huwa qal li matul dan il-perjodu l-Kunsill rreġistra andament finanzjarju pożittiv hekk kif ġie rreġistrat surplus ta' ftit aktar min €22,000. Din il-figura pożittiva qed tiġi riflessa fl-FSI, li huwa indicatur ewlieni, hekk kif dan tela' għall-41% mill-25%, li jfisser li hemm likwidita' fil-finanzi tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.12 Devoluzjoni tad-Depot tat-Tram*

37.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħalma ġie diskuss fl-laqgħa preċedenti, il-Kunsill jixtieq li l-istazzjon tat-Tram ikun tal-Kunsill qabel ma jidħol il-privat għalih. Is-Sindku qal li attwalment il-binja hija tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u qiegħed f'diskussjoni mall-permanent secretary tagħhom sabiex il-post jingħata lill-Kunsill mingħajr il-ħtieġa ta' devoluzzjoni u jingħalaq sabiex ma jsirx aktar ħsara min vandali fuq il-post. Il-quddiem dan il-post jista' jinbidel f'mużew jew ikun sala tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *37.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

37.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Novembru fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |